MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 287/2010

Kawza fil-lista: 38

***Y B***
**vs**
***V B***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu civilment fis-16 ta' Awissu 1996; li huma ghandhom zewg t'itfal; li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ddikjara li jammetti t-talba attrici;

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Awissu 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijet izzewwgu civilment fis-16 ta' Awissu 1996 meta allura l-attrici kellha 17-il sena u l-konvenut kellu 19-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena, u wara li kien twieled l-ewwel wild taghhom fit-3 ta' Gunju 1996.

Wara konvivenza ta' circa tlettax-il sena, li matulha il-partijiet kienu diga' ghamlu xi zmien separati, huma isseparaw defenittivament.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici kienet inqabdet tqila fil-bidu tar-relazzjoni taghha mal-konvenut. F' dak iz-zmien dan kellu 18-il sena u l-attrici kellha 16-il sena. L-attrici tispjega li hija kienet tisma' lil shaba l-iskola jghidu li kienet normali li jkollhom relazzjonijiet intimi mal-boyfriends taghhom, u hi kienet hadet parir minghand il-habiba taghha li kienet qaltilha li hi kienet ilha zmien taghmel l-att taz-zwieg mal-boyfriend taghha, izda qatt ma kienet harget tqila; izda meta l-attrici ghamlet l-att taz-zwieg mal-konvenut minghajr prekawzjoni hi harget tqila.

Jirrizulta korroborat li ommha ma ridithiex tmur tghix mal-konvenut, allura l-boyfriend taghha, jekk ma tizzewwigx, u l-attrici, f' dik l-eta' zghira u fis-sitwazzjoni li kienet, ma kellhiex ghajnuna ghajr dik tal-genituri taghha. Ghalhekk

hija cediet ghall-pressjoni ta’ ommha, u hi u l-konvenut izzewwgu u marru joqghodu ghand omm l-attrici, bit-tifel li dak iz-zmien kellu xaharejn.

Il-partijiet iddecidew li jizzewwgu bir-rit civili biss, bil-ghan biss li jippruvaw jsolvu s-sitwazzjoni, u li t-tifel jghix f’ ambjent ta’ familja.

Illi l-konvivenza matrimonjali ma kienitx wahda facli ghall-partijiet, stante li dawn kienu jillitigaw ta’ spiss u l-konvenut okkazzjonalment kien jerfa’ idejh fuq l-attrici jekk ma tghaddix tieghu. Di fatti wara ghaxar snin ta’ konivivenza l-attrici telqet mid-dar flimkien mat-tfal, izda wara, kienet regghet irritornat minhabba li t-tifel il-kbir kien qed jhoss in-nuqqas ta’ missieru.

Il-partijiet jghidu li huma kienu zzewwgu biss minhabba l-pressjoni ta’ omm l-attrici, u ghax ma kellhom sostenn ta’ hadd. L-attrici tghid li wara t-twelid ta’ l-ewwel wild, u ghalhekk qabel iz-zwieg, hi ma rieditx tfal izjed, u anke l-konvenut, u ghalhekk l-att taz-zwieg kien isir bil-prekawzzjoni da parti tal-konvenut; izda f’ okkazzjoni minnhom huma kienu bid-drink fuqhom, u l-konvenut ma rtirax mill-ewwel, bir-rizultat li l-attrici regghet inqabdet tqila.

Eventwalment, l-attrici telqet mid-dar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet, hija tal-fehema li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetwat minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali. It-tnejn kienu ghadhom zghar, u ma kienux apprezzaw il-pass taz-zwieg li ghalihom kien biss mezz biex jikkuntentaw lil genituri tal-attrici. Di fatti mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet rriskontraw problemi fir-relazzjoni taghhom, li biz-zmien aggravaw, tant li eventwalment ma setghux jghixu aktar flimkien.

Ghalhekk f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Awissu 1996.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------